C/2024/4142

27.6.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11579 — CVC / PON / URUS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4142)

1. Fit-12 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pon Holdings B.V. ("Pon", in-Netherlands), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata mill-individwu privat is-Sur Wijnand Pon (in-Netherlands).

— Aurochs LuxCo (il-Lussemburgu), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn CVC Capital Partners plc ("CVC", il-Lussemburgu),

— URUS Group LP ("URUS", l-Istati Uniti tal-Amerika), attwalment ikkontrollata minn Pon.

Pon u CVC jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' URUS kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni qed titwettaq bix-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— PON hija kumpanija azzjonarja attiva fl-erba' raggruppamenti kummerċjali differenti ta' karozzi, roti, tagħmir u sistemi tal-enerġija, kif ukoll prodotti u servizzi agrikoli,

— CVC hija l-maniġer ta' fondi ta' investiment b'interessi f'għadd ta' kumpaniji attivi f'diversi industriji globalment.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża URUS huma dawn li ġejjin: L-URUS hija attiva fis-settur agrikolu, fis-soluzzjonijiet ġenetiċi u fil-bejgħ bl-imnut.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

F'konformità mal-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja jenħtieġ li tiġi speċifikata dejjem:

M.11579 — CVC / PON / URUS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża dawn id-dettalji tal-kuntatt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË